# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 11/2019 PC**

**Rosabella Pavia**

**vs**

**Louis Farrugia u**
**martu Maryanne Farrugia**

**Illum l-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi permezz ta' kuntratt datat sebgħa (7) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) Louis Farrugia f'ismu propju kif wkoll f'isem u in rappreżentanza ta' Martu Maryanne Farrugia iddikjara rwieħhom veri, ċerti u likwidi debituri versu Rosabelle Pavia għas-somma ta' tmienja u disgħin elf mija u sitta u disgħin Euro u wieħed u tletin Euro ċenteżmu (€98,196.31ċ) rappreżentanti flus mislufa brevi manu kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dokument "A";

Illi l-konvenuti kienu obbligaw ruħhom li jekk ikunu morużi fil-ħlas tad-debitu, l-attriċi jkollha dritt illi awtomatikament jitolbu il-ħlas lura tas-somma kolhla dovuta fl-interezza tagħha kif ukoll illi jibdew jiddekorru l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tad-dovut pagament mensili sal-effettiv pagament.

Illi, inoltre, l-konvenuti kien obbligaw ruħhom li f'każ li l-pagamenti ma jiġux onerati jibda japplika l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont misluf brevi manu;

Illi minkejja li l-konvenuti jaqblu l-ammont imsemmija huma dovuti, l-intimati qegħdin jirrifjutaw li jħalsu dan l-ammont;
Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati huma debitriċi fil-konfront ta' Rosabella Pavia fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf mija u sitta u disgħin Euro u wieħed u tletin Euro ċenteżmu (€98,196.31ċ) għar-raġunijiet fuq indikati;

2. Tikkundannakom sabiex tħallsu lill-atturi din l-istess somma flimkien mal-imgħax fuqha bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sebgħa *(7)* ta' Novembru elfejn u sittax (2016) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 373/2017 ppreżentata fit-tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess Rikors ġuramentat.

Rat in-nota tal-intimati ppreżentata fl-udjenza tal-lum li permezz tagħha ammettew it-talbiet attriċi.

Rat ukoll il-verbal li sar fl-istess udjenza fejn l-intimati talbu li l-esekuzzjoni ssir fi żmien wara sitt (6) xhur li tingħata din is-sentenza.

Il-Qorti għalhekk tiddeċi din il-kawża billi fuq ammissjoni tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attriċi u

1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri fil-konfront ta' Rosabella Pavia fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf mija u sitta u disgħin Euro u wieħed u tletin Euro ċenteżmu (€98,196.31ċ) għar-raġunijiet indikati fl-istess rikors ġuramentat;

2. Tikkundanhom sabiex iħallsu lill-atturi din l-istess somma flimkien mal-imgħax fuqha bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sebgħa *(7)* ta' Novembru elfejn u sittax (2016) sad-data tal-pagament effettiv.

B'dana pero illi din is-sentenza għandha tiġi esegwita wara sitt (6) xhur mil-lum.

L-ispejjeż ikunu kollha a karigu tal-konvenuti nklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 373/2017 ppreżentata fit-tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017).

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

13.03.2019 – Sup11.2019 – Pavia Rosabella vs Farrugia Louis et
461